MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 54/2008

**Mobisle Communications Limited
(C 24655)**

**Vs**

**Buttigieg Victor**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici titlob il-hlas tas-somma ta' disa' mija u tlieta u disghin euro u hdax-il centezmi (€993.11c) – (LM426.34) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut skond Client Contract Number 1013393 rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjetà attrici u dana fix-xhur ta' bejn Marzu 2007 u Gunju 2007.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' disa' mija u tlieta u disghin euro u hdax-il centezmi (€993.11c) – (LM426.34), bl-imghax dekoribbli mit-30 ta' Ottubru 2007 (id-data ta' l-ittra ufficjali) sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta' Ottubru 2007 u tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-Talba, huma a karigu tal-konvenut.

Av. Dr. Gabriella Vella
Gudikatur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------